# TRIBUNAL INUSTRJALI

# DECIZJONI Nru. 1201

Kaz Nru. 1452

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alfred Delicata

u

Maltapost p.l.c.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data : 28 ta' Mejju 2001

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vice Prim Ministru u Ministru ghall-Politka Socjali permezz ta' ittra datata 27 ta' Gunju 2000 Referenza MSP/TI/46/2000 biex tigi processata skond il-Provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

Is-Sur Alfred Delicata aktar il-quddiem jissejjah l-appellant kien assistit minn l-avukat Mark Fenech.

Dr. David Attard deher ghall-Maltapost p.l.c. aktar il-quddiem jissejjah il-kumpanija kien assistit mill-avukat Joseph J. Vella.

## Stqarrija tal-Kaz

L-appellant fl-istqarrija tal-kaz jghid li kien impjegat mal-Maltapost f'Mejju 1996 bhala Messenger/Driver. Il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu kienu li jahdem mit-Tnejn sas-Sibt bejn 0700 u 1340. Hu kien organizza hajtu bazata fuq dawn il-hinijiet.

F'Marzu 2000 kien sema' xniegha li kienu ser jinbidlu l-kundizzjonijiet tax-xoghol, kien mar ikellem lill-Manager Personnel Stefania Camilleri u staqsijha dwar dak li kien qed jisma' u dina qaltlu, *"issa l-kumpanija m'ghadhiex tal-Gvern u c-Chairman ma jiflahx jibqa' jara Messagiera jippassiggaw b'paga ta' Lm4000 fis-sena u li kien veru li kienu ser jimbidlu l-kundizzjonijiet"*

Kien mar ikellem lill Dr. David Attard, Human Resources Executive, u dan qallu li kien ser jigi trasferit ghas-*Central Mail Room f'Hal Qormi* "ghall-gid tieghu" L-appellant qallu li l-gid tieghu kien jarah hu mhux li jarah haddiehor ghalieh. Qal li kien lest jaccetta li jkun trasferit izda ma setghax jaccetta li jimbidlulu l-hinijiet tax-xoghol. Dr. Attard wiegbu li l-esigenzi tal-kumpanija kellhom jigu l-ewwel.

Jghid li b'dan il-mod li gie trattat gie effettwat fizikament u mentalment, fil-fatt marad. Minhabba f'hekk it-tabib tieghu ghamillu diversi certifikati medici u ippreskriva xi pilloli u wara xi zmien gie riferit biex jara psikjatra.

Il-kumpanija fl-istqarrija tal-kaz tghid li fit-8 ta' Gunju 2000 l-appellant gie avzat li ma kienx qed josserva d-dispozizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv dwar is-sick leave u li ghalhekk hu kien se jigi kkonsidrat li abbanduna l-impieg tieghu. Minkejja tali twissija l-appellant naqas li jkun id-

dar fid-9,10,12, u 13 ta'Gunju 2000 meta kien irraporta li kien marid. Il-kumpanija kienet kostretta li tapplika l-klawsola 5.2.2.6 tal-Ftehim Kollettiv u li titermina l-impieg tieghu.

Illi l-kumpanija ghandha provi li fil-granet in kwistjoni l-appellant kien qieghed jiggestixxi n-negozju privat tieghu mill-hanut imsemmi "Carpet Zone" go Balzan Valley, Balzan.

**Konsiderazzjonijiet**

Mit-trattazzjoni tal-kaz irrizulta li bazikament il-fatti kienu t-tibdil fil-hinijiet tax-xoghol u li ma kienx qed josserva d-dispozizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv dwar is-*sick leave*.

L-appellant fl-imkien ma messagier iehor fis-26 ta' Jannar 2000 gie moghti xoghol specifiku ta' garr ta' numru ta' siggijiet biex jingarru ghat-training room li tinsab fuq. Dak in-nhar kien daqxejn ma jiflahx ghax ibati bl-ilma ta' widnejh u qal lic-Chief Messenger illi ma jiflahx itella' wiehed u hamsin siggu tliet sulari tarag u qallu li sejjer jitlaq l'hemm. Fis-27 ta' Jannar 2000 il-kumpanija bghatet it-tabib jinvistah. It-tabib irrilaxxa certifikat fejn tah gurnata sick u kitiblu struzzjonijiet biex jibqa jistrieh id-dar halli jghaddilu malajr. It-tabib rega mar jinvistah fl-istess gurnata 27 ta' Jannar 2000 fil-05.30pm u sab li l-appellant ma kienx id-dar. It-tabib kiteb lill-kumpanija hekk, "*The above named employee (Mr. Alfred Delicata) is behaving with an attitude to the detriment of the company because of one or more of these reasons; (1) The symptoms he presented to the first doctor are not factual but make believe. (2) He is not following the directions given by the medical professionals and is prolonging his period of recovery. (3) The medical group withdraws the certificate issued.*

Waqt it-trattazzjoni l-kumpanija ipprezentat dokumenti li juru kif kien jagixxi l-appellant fl-impieg ma tul iz-zmien fil-kumpanija fejn ghandu ghaxar twissijiet bejn l-20 ta'Mejju 1997 u t-3 ta' Settembru 1998. Il-kumpanija ghamlet id-difiza taghha peress li l-appellant ma kienx qed josserva d-dispozizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv dwar *sick leave* u ghalhekk hu kien gie kkunsidrat li abbanduna l-impieg tieghu.

L-appellant naqas li jkun id-dar f'numru ta' granet meta hu kien irraporta li kien marid. Il-kumpanija qabdet lis-Sur Joseph Zahra Investigatur Privat biex jindaga u josserva bl-aktar mod dettaljat il-movimenti tal-appellant. Is-Sur Zahra xehed li l-appellant kien ghad-disgha u nofs l-ghaxra ta' filghodu imur jiftah il-hanut li ghandu Hal Balzan *"Carpet Zone"* u jaghmel hemmhekk sa xi nofsinhar. Kien jasal bil-van, jirranga t-tapiti u jaqdi l-klijienti.

It-Tribunal innota li l-kumpanija waslet fi ftehim mal-General Workers Union fejn il-grad ta' Messenger gie amalgamat ma gradi ohra u dawn saru Postal Assistants b'doveri differenti u li jkunu jistghu jitilghu Postal Operators.

L-appellant kien jahdem f'hinijiet mis-07.00 am sas 01.40 pm mit-Tnejn sas-Sibt. Bil-ftehim il-gdid il-hinijiet imbidlu. Minhabba f'dan it-tibdil tal-hinjiet l-appellant wasal f'sitwazzjoni li effettwatu fizikamant u mentalment tant li marad u kellu jirrikorri ghand it-tabib tieghu u wkoll Consultant Psychiatrist. Meta gie impjegat f'Mejju 1996 bhala Messenger/Driver kien accetta dawn il-kundizzjonijiet tal-hinijiet billi kien organizza hajtu bbazata fuqhom.

It-Tribunal ihoss li galadarba sar ftehim gdid bejn il-kumpanija u l-union il-haddiema koncernati huma obligati li jikkonformaw ruhhom mat-tali kundizzjonijiet ghax b'hekk biss tista' tirrenja l-ahjar funzjoni fil-post tax-xoghol.

Matul iz-zmien li l-appellant kien marid il-kumpanija bghatet it-tabib taghha fejn kien hemm granet li l-appellant ma kienx id-dar u kien hemm fejn kien id-dar. It-Tribunal jidherlu li l-kumpanija naqset li tghati l-attenzjoni necessarja ghac-certifikati medici sija tal-Consultant Psychiatrist Dr. J Vella Baldacchino M.D. kif ukoll tat-tabib tal-kumpanija Dottoressa Miriam Vella M.D. Fic-certifikat tal-Consultant Psychiatrist datat 4 ta' Mejju 2000 insibu dan, "*In my opinion he should stay off work for about 6 weeks*" u jispicca jghid hekk, "*He is to go outdoors for strolls as part of his treatment*"

It-tabib tal-kumpanija fic-certifikat tieghu datat 20 ta' Mejju 2000 hemm imnizzel hekk, "*Depression as certified by Consultant Psychiatrist Dr. J Vella Baldacchino M.D - 4 weeks from 24/5/00. Allowed out as advised by Dr. Vella Baldacchino*"

Ic-certifikat tat-tabib tal-kumpanija kellu jghalaq fil-21 ta' Gunju 2000. Il-kumpanija fl-14 a' Gunju 2000 permezz ta' ittra iffirmata mic-Chairman tal-kumpanija is-Sur Frank R. Dimech itterminatlu x-xoghol mill-impieg b'effett immedjat.

It-Tribunal josserva li fl-ittra tat-terminazzjoni c-Chairman tal-kumpanija qal hekk, "*Íl-kumpanija baghtet it-tobba taghha biex jiccertifikawk u billi ghan numru konsiderevoli ta' granet dawn it-tobba avzaw bil-kitba lill-kumpanija illi ma sabukx id-dar , il-Managemant qieghed jikkunsidrak illi inti abbandunajt ix-xoghol mal-kumpanija*"

It-Tribunal jinnota illi meta tkecca kien ghadu kopert bic-certifikati tat-tobba izda jsib illi l-appellant naqas serjament milli josserva dawk l-istruzzjonijiet lilu mghotija mit-tobba fejn kien certifikat hekk, "*He is to go outdoors for*

*strolls as part of his treatment"* minflok ghazel li jmur jiftah il-hanut tieghu "*Carpet Zone'* jirranga t-tapiti u jaqdi lill-klijenti

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali jaqta' u jiddecidi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jsib lit-tkeccija mill-impieg tal-appellant is-Sur Alfred Delicata kienet ghal raguni gusta u sufficjenti.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**

**Edwin Spiteri**
**Segretarju**